MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 1238/1994/2

**William Bowerman**

**Vs**

**Kontrollur tad-Dwana**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti William Bowerman ipprezentat fit-30 ta’ Settembru 1994 li permezz tieghu ssottometta:-

1. Illi huwa kien residenti fl-U. S. A. u gie lura biex jistabbilixxi ruhu Malta fl-10 ta’ Dicembru 1990;

2. Illi fit-8 ta’ Jannar 1991 huwa gab Malta b’ *container* iz-zewg karozzi personali tieghu, Lincoln u Buick Riviera, Chassis No. 1G4E2 57B3GV412301;

3. Illi ghalkemm minn dejjem ried ihallas id-dazju fuq il-Buick u jirregistraha Malta, l-intimat hariglu Temporary Importation Permit (Dok. A);

4. Illi l-esponent ghamel minn kollox biex ihallas id-dazju fuq din il-karozza u mar hafna drabi d-Dwana u d-Dipartiment tal-Kummerc biex ihallas id-dazju, imma fil-fatt dawn, bi skuza jew ohra, qatt ma iffinalizzaw din il-prattika;

5. Illi safrattant l-esponent beda jzomm il-karozza go garaxx ma’ certu Leli tal-Mosta, li, kif sar jaf wara l-esponent; ad insaputa tieghu kien xi drabi harigha fit-triq;

6. Illi fit-22 ta’ Lulju 1992 il-konvenut qabad din il-karozza;

7. Illi in vjolazzjoni cara ghall-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 37, l-ufficcjal li ghamel dan il-qbid ma ta ebda avviz bil-miktub lill-esponent;

8. Illi kien biss kwazi sentejn wara, meta l-esponent ipprotesta permezz ta’ ittra ufficjali (Dok. B) illi l-intimat hareg is- “Seizure Note” (Dok. C);

9. Illi dan il-qbid, nieqes minn rekwizit essenzjali tal-ligi, kien ghalhekk illegali;

10. Illi l-esponent, mal-hrug tas-Seizure Note, informa lill-intimat li ried jikkontesta dak il-qbid (Dok. D);

11. Illi apparti r-raguni tan-Nullita` tal-Qbid, l-intimat mhux intitolat jaqbad karozza imhabba nuqqas ta’ hlas ta’ dazju, meta dan ma thallasx esklusivament ghaliex huwa qatt ma ghamel mod li jircevieh, nonostante insistenza kbira min-naha ta’ l-esponent;

12. Illi l-karozza in kwistjoni, ghalkemm ufficajlment “maqbuda” mid-Dwana, spiccat tintuza ghall-uzu privat minn nies konnessi, mad-Dipartiment;

13. Illi x-xhieda li l-esponent jixtieq itella huma John u Godwin Bowerman u impjegata tad-Dipartiment tat-Trade

isimha mhux maghruf ghall-prova ta’ l-isforzi tieghu li jhallas d-dazju immedjatament; Leli tal-Mosta ghall-prova li ma wzax il-karozza u nies isimhom mhux maghruf li raw il-karozza tintuza suppost kienet maqbuda mill-intimat;

Ghaldaqstant l-esponent umilment talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara l-qbid maghmul mill-intimat illegali, ingust u abusiv u tordna li l-karozza Buick fuq imsemmija tigi ritornata lill-esponent fi zmien qasir u perentorju. B’ riserva ta’ kull azzjoni ghad-danni u bl-ispejjez;

Rat ir-risposta ta’ l-intimat Kontrollur tad-Dwana li permezz taghha huwa espona:-

Illi l-vettura in kwistjoni kienet giet importata temporanjament f’ Malta taht il-kondizzjonijiet imposti fil-formula “TIT 20/91”, li kopja fotostatika taghha hija unita mar-risposta u markata “Cust 1”;

Illi meta giet importata l-istess vettura ma kellhiex *number plates* fuqha u ghalhekk din giet issigillata mid-Dwana fit-13 ta’ Jannar 1991 go garaxx fl-Iklin fejn kienet merfugha;

Illi skond il-kondizzjonijiet ta’ l-importazzjoni temporanja r-rikorrent kellu jerga’ jesporta l-vettura sat-8 ta’ April 1991 u in oltre r-rikorrent obbliga ruhu li ma jbieghx, ma jislifx, ma jikrix u ma jiddisponix mill-istess vettura;

Illi skond l-Artikolu 17 (2) (d) (ii) tal-Kapitolu 337 dwar Dazji ta’ l-Importazzjoni oggett importat temporanjament li ma jergax jigi ri-esportat sad-data indikata jintilef favur il-Gvern;

Illi fit-2 ta’ April 1991 l-esponent baghat javza lir-rikorrent li jekk huwa kien bi hsiebu jhalli l-vettura f’ Malta wara t-8 ta’ April 1991 huwa kellu japplika ghal estensjoni tal-permess ta’ importazzjoni temporanja;

Illi r-rikorrent ma wegibx ghal dan l-avviz;

Illi fil-25 ta' April 1991 kien intbaghat avviz iehor lir-rikorrent fejn huwa rega' gie avzat bil-bzonn li jestendi l-permess ghall-importazzjoni temporanja izda r-rikorrent rega' ma ghamel ebda reazzjoni ghal dan it-tieni avviz;

L-esponent baghat ghar-rikorrent ukoll permezz ta' ittra tat-3 ta' Mejju 1991 pero` dan baqa' ma wegibx;

Illi fit-18 ta' Awissu 1992 l-esponent hareg in-nota ta' Qbid numru 56/92 li ntbaghtet lir-rikorrent bil-posta registrata fl-ahhar indirizz maghruf tieghu f' Malta u dan fit-termini ta' l-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 37 (L-Ordinanza tad-Dwana);

Illi fid-19 ta' Lulju 1992 ufficcjal tad-Dwana li kien mar ifittex l-imsemmija vettura sabha pparkjata quddiem "Zammit Flats", Baskal Buhagiar Street, Mosta bil-pjanca bin-numru "BYF 792" u minghajr sigill tad-Dwana;

Il-qtugh tas-sigilli tad-Dwana u l-uzu ta' l-istess vettura sar minghajr il-kunsens tad-Dwana u bi ksur lampanti tal-ligi;

Sussegwentement inharget ordni mill-esponent biex il-vettura tigi elevata, peress illi kienet qeghda f' Malta u fit-triq kontra l-provvedimenti ta' l-Ordinanza tad-Dwana;

Illi l-persuna indikata bhala "Leli tal-Mosta" imsemmi fir-rikors promotur ma kellu ebda jedd li jzomm il-vettura in kwistjoni u r-rikorrent ma kellu ebda permess mid-Dwana u ebda dritt li jhalli l-vettura f' idejh;

Illi r-rikorrent ma kkontestax il-Qbid fuq imsemmi fiz-zmien stipulat mill-Artikolu 72 (1) tal-Kapitolu 37 u ghalhekk l-istess qbid sar definittiv fit-termini ta' l-istess Artikolu 72 tal-Kapitolu 37;

Illi l-istess vettura nbieghet b' irkant pubbliku mill-esponent fil-31 ta' Ottubru 1992 bil-prezz ta' Lm 4900;

Illi fl-4 ta' Lulju 1994 ir-rikorrent baghat ittra ufficcjali lill-esponent fejn talbu jispjega taht liema artikolu tal-ligi huwa kien qed jippretendi li kellu dritt jiehu l-vettura u lil min

kienet giet notifikata s-*seizure note* relattiva u f' idejn min tinstab illum il-vettura;

Illi biex jissoddisfa din it-talba ghal informazzjoni, l-esponent ried jibghat lir-rikorrent kopja tan-nota ta' qbid originali relattiva ghall-imsemmija vettura;

Illi pero` gara li bi zball, flok ma ntbaghtet lir-rikorrent kopja tan-nota ta' qbid li kienet inharget fit-22 ta' Lulju 1992, intbaghtet lir-rikorrent nota ta' qbid gdida fuq l-istess vettura datata 12 ta' Awissu 1994;

Huwa ovvju li l-qbid ta' l-imsemmija vettura ma sarx fit-12 ta' Awissu 1994, meta fil-fatt l-istess vettura kienet ilha li nqabdet u li nbieghet lil terzi b'irkant, u li ghalhekk dawn il-proceduri biex jigi impunjat tali qbid huma irritwali peress li permezz taghhom qed jigi impunjat 'qbid' fittizju, rizultat ta' *lapsus*, u mhux wiehed reali;

Illi dwar l-allegazzjoni tar-rikorrent fis-sens illi l-esponent jew id-Direttur tal-Kummerc impedewh milli jhallas id-dazju fuq il-vettura u jimportaha f' Malta regolarment l-esponent jirrileva li ghad li mhux kull vettura li tista' tidhol f' Malta taht permess temporanju tista' tigi importata permanentement (u ghalhekk is-sottomissjoni tar-rikorrent f' dan is-sens hija irrelevanti ghall-kawza odjerna) huwa qatt ma fixkel jew, wisq inqas, impedixxa lir-rikorrent milli jwettaq tali procedura;

Illi l-esponent jichad bil-qawwa kollha kull insinwazzjoni fir-rikors promotur fis-sens li l-qbid tal-vettura in kwistjoni sar b'abbuz ta' poter jew in mala fede;

Illi bhala xhieda l-esponent irid jipproduci lil Julian Bezzina, Carmel Joseph Scicluna, Jude Muscat, u P. J. Attard, impjegati tad-Dipartiment tad-Dwana ghall-konferma tal-fatti esposti u biex jelaboraw dwarhom;

Illi l-esponent irid ukoll jipproduci bhala xhieda x-xhieda kollha indikati mir-rikorrent ghall-ezami dwar il-fatti fuq esposti;

Illi, okkorrendo, l-esponent ikun irid jipproduci bhala xhud lil Carmen Aquilina inkarigata mir-Registry tad-Dipartiment tad-Dwana biex tixhed dwar id-data meta l-esponent gie notifikat bir-rikors promotur ta' din l-azzjoni u dwar in-notifika tan-noti ta' qbid fuq imsemmija;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-affidavits u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotta;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-kontendenti;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:-

I. Ir-rikorrenti, emigrant Malti li kien jirrisjedi l-Istati Uniti, gab fit-8 ta' Jannar 1991 zewg vetturi personali tieghu, wahda tal-marka "Lincoln" u l-ohra tal-marka "Buick";

II. Skond Michael Micallef (fol. 31), Principal Officer fid-Dwana, "*returned migrants*" kienu intitolati jdahhlu f'Malta vettura ad uzu privat "*duty free*". Kull vettura ohra addizzjonali kienet soggetta ghall-hlas tad-dazju;

III. Il-karozza tal-marka "Lincoln" giet approvata bhala "*duty free car*" u moghtija pjanci ta' Malta. Ara Affidavit tar-rikorrent a fol. 23. Kwantu ghall-vettura l-ohra, meritu tal-kawza, din inhargitilha Temporary Importation Permit minghajr il-htiega ta' depozitu jew garanzija bankarja (Deposizzjoni ta' Julian Bezzina, fol. 33). Skond il-procedura stabbilita din il-vettura giet issigillata fit-13 ta' Jannar 1991. Kif spjegat mix-xhud Carmel J. Scicluna, fol. 90, Inspector Customs and Excise, "*the customs seal*

*is done in such a way that the car would not be able to be driven without breaking the customs seal*";

IV. Ir-rikorrenti *ex admissis* jikkonferma illi waqt li hu kien l-Amerika ghal htigijiet ta' kura medika, "*my nephew had taken the advantage of driving the cars*" (fol. 25). Ghalhekk hu rranga li l-karozzi tieghu jigu depozitati fil-*garage* ta' certu Emanuel Zammit fil-Mosta. Skond dan l-ahhar imsemmi xhud "il-karozza giet misjuqa, u gabha flimkien ma' l-ohra l-istess William Bowerman; giet ghandi *on its own steam*, qed isuqha hu" (fol. 107);

V. Il-vettura in kwestjoni giet rintraccjata mid-Dwana proprju fil-Mosta u minn hemm prelevata fit-22 ta' Lulju 1992. Ara xhieda ta' Julian Bezzina (fol. 41). Invece x-xhud Emanuel Zammit jghid li kien huwa stess li kkonsenja l-vettura (fol. 109). Carmelo Portelli, Senior Inspector fid-Dwana, jghid li lil Zammit inhargitlu ricevuta "*on behalf of Mr. W. Bowerman*" (fol. 61);

VI. Fit-18 ta' Awissu 1992 inharget "Seizure Note" (fol. 82) wara li l-vettura giet valutata. (Ara Affidavit a fol. 91 ta' Anthony Dimech, Customs Inspector, u li fiz-zmien tal-kaz kien fl-ufficcju legali ta' l-istess dipartiment.) Ix-xhud Charles Casaletto, Principal Officer, jikkonferma li l-*car* giet stmata minnu u l-kollega tieghu Albert Caruana (fol. 68). Dan skond il-prassi addottata u cjoe billi jigu ezaminati pubblikazzjonijiet awtorevoli dwar il-prezzijiet kurrenti, in partikolari dawk tal-pajjiz ta' origini tal-vettura;

VII. Ix-xhud Carmelo Portelli (fol. 56) jghid li s-Seizure Note Numru 56/92 indirizzata lir-rikorrenti giet ritornata lura "*unclaimed*". Din intbaghtet permezz ta' posta registrata (numru 453) fl-indirizz provvdut mill-istess rikorrenti meta nhargitlu t-Temporary Importation Permit. Ara Affidavit ta' Anthony Dimech a fol. 91. Ir-rikorrenti jiddikjara fl-Affidavit tieghu illi Emanuel Zammit kien informah illi l-"Buick", "*had been seized by the customs*" (fol. 26). Dan Emanuel Zammit jikkonferma illi mar-ritorn tieghu mill-Amerika huwa akkompanja lir-rikorrenti d-Dwana biex jinghata sodisfazzjoni l-ghala l-*car* giet maqbuda;

VIII. Sussegwenti ghall-qbid taghha l-vettura tqeghdet f'wiehed mill-i*stores* tad-Dwana maghruf bhala "Forni Stores", adjacenti ghall-Pinto Bonded Stores. Eventwalment giet reklamata ghall-bejgh fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gurnali ohra ta' kuljum u permezz ta' l-irkantatur Albert Rizzo mibjugha lil certu Richard Darmanin fil-31 ta' Ottubru 1992. Ara xhieda ta' Carmelo Portelli (fol. 59);

IX. Jirrizulta li fit-12 ta' Awissu 1994 inharget Seizure Note ohra numru 61/94 (fol. 84). Skond ix-xhud Anthony Dimech (fol. 91) din inharget bi zball. Dejjem skond dan ix-xhud "*however the copy shows the same date of seizure as in the original seizure note sent, that is, 22nd July 1992*";

X. Ir-rikorrenti jghid li hu mar kemm-il darba d-Dwana biex ihallas id-dazju fuq il-vettura pero` kienu jghidulu biex ghalissa ma jaghmel xejn. Skond Julian Bezzina (fol. 97), id-Dwana taccetta l-hlas tad-dazju meta dak li jkun ikollu d-dokumentazzjoni kollha mehtiega u jissodisfa r-rekwiziti; dak li fil-kaz ma kellux ir-rikorrenti;

Dan premess, il-Kontrollur tad-Dwana jikkampa d-difiza tieghu fuq dawn il-konsiderazzjonijiet ta' fatt u ta' dritt:-

A. Lir-rikorrenti ntbaghtulu diversi missivi biex jekk kien behsiebu jhalli l-vettura Malta huwa kellu jiehu hsieb jitlob l-estensjoni taz-zmien. Dan anke ghaliex jekk dan ma jsirx l-oggett importat temporanjament kien jintilef favur il-Gvern jekk ma jergax jigi ri-esportat sad-data stabbilita (Artikolu 17 (2) (d) (ii) tal-Kapitolu 337 dwar Dazji ta' l-Importazzjoni);

Fit-termini ta' l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37 (Ordinanza tad-Dwana) is-Seizure Note intbaghtet bil-posta registrata fl-ahhar indirizz maghruf ;

C. Ir-rikorrenti ma kellu l-ebda jedd jaghmel jew jippermetti uzu ta' l-istess vettura li kienet issigillata;

D. Ir-rikorrenti naqas li fit-terminu statutorju jikkontesta l-mandat ta’ qbid li permezz tieghu l-vettura giet elevata;

E. Mhux minnu li l-qbid *de quo* sar b’ abbuz jew in mala fede;

Issa jidher ovvju mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti fin-Noti tieghu a fol. 114 u fol. 120 illi dan qed isejjes l-argoment kollu tieghu fuq il-kontenut tad-dokument konsistenti mis-Seizure Note mahruga fit-12 ta’ Awissu 1994 (fol. 7). Fuq il-bazi ta’ dan id-dokument huwa jsostni illi l-azzjoni tal-Kontrollur tad-Dwana kienet perenti billi kien gja ghaddew sentejn mill-qbid tal-vettura, meta nharget is-Seizure Note. Huwa donnu jghid ukoll illi d-dikjarazzjoni ta’ l-intimat illi din inharget bi zball ma kellhiex titwemmen billi s-Seizure Note korretta ta’ l-1992 “qatt ma giet esebita” (fol. 115);

Ghandu l-ewwel nett jigi osservat illi din l-ahhar sottomissjoni ma hijiex valida billi effettivament mill-atti jirrizulta illi s-Seizure Note originali Numru 56/92 tinsab esebita a fol. 82 tal-process;

Fit-tieni lok ma ngiebet l-ebda prova jew argoment konvincenti l-ghala din il-Qorti ghandha tiddubita mill-fatt illi tabilhaqq fl-1992 inharget *Seizure Note* u sar tentattiv tan-notifika taghha skond il-modalita` prevvista fis-subinciz (1) ta’ l-Artikolu 72 tal-Kapitolu 37, cjoe permezz ta’ ittra registrata “indirizzata lilu jew imhollija fil-lok maghruf bhala l-ahhar li fih kien joqghod jew li kellu n-negozju tieghu f’ Malta”;

Huwa indiskuss imbaghad illi din il-vettura giet konfiskata fil-presenza tal-mandatarju tar-rikorrenti li f’ idejh kellu l-vettura.  Dan hu hekk konfermat mix-xhud Emanuel Zammit.  Daqstant iehor huwa indiskuss illi r-rikorrenti kien konxju ta’ dan il-qbid li kien sehh fl-1992;

Il-kwestjoni ghalhekk hi jekk ir-rikorrenti segwiex il-procedura ta’ kontestazzjoni bil-mod u fiz-zmien mil-ligi stabbilit;

L-Artikolu 72 (2) tal-Kapitolu 37 jippreciza l-procedura li ghandha tigi segwita minn min irid jikkontesta qbid maghmul mill-intimat u jghid li ghandu jinghata avviz bil-mitkub lill-Kontrollur fiz-zmien tletin (30) gurnata mill-qbid li hu jitlob lura l-oggett maqbud jew li behsiebu jitolbu lura;

Kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**George Camilleri *et* –vs- Kontrollur tad-Dwana**", Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Jannar 1980, "l-ewwel pass huwa l-avviz u minghajru ma jistax isir ir-rikors. Infatti l-ligi stess tghid li 'f`dan il-kaz' – cioe fil-kaz li jkun inghata l-avviz – il-persuna li titlob lura l-hwejjeg maqbuda ghandha fi zmien tletin (30) gurnata minn dak l-avviz, tibda l-procediment mehtieg quddiem il-qorti civili kompetenti. Inoltre t-terminu ta' tletin gurnata huwa marbut ma' dan l-avviz u minghajru lanqas jista' jigi stabbilit minn meta jibda.";

Fil-fehma tal-Qorti fil-kaz *de quo* lanqas ma jidher li kienet hekk necessitata` s-seizure note gjaladarba l-qbid sar quddiem "is-sid ta' l-oggett suggett ghal konfiska", kif hekk jinghad fit-termini tal-kliem introduttiv ghall-Artikolu 72 (1). Anzi, fil-kaz in ezami, kif jinghad minn Emanuel Zammit rapprezentant f'Malta tas-sid, gjaladarba l-vettura kienet hekk fdata lilu, kien hu stess li kkonsenja l-vettura lill-ufficcjal responsabbli tad-Dwana. Ara f'dan is-sens decizjoni fl-ismijiet "**Raymond Gauci –vs- Kontrollur tad-Dwana**", Appell, 13 ta' Lulju 2001;

Il-fatt, imbaghad, li kif qed jigi accettat, l-intimat hareg ukoll is-Seizure Note mibghut fl-indirizz provvdut kellu jkompli jsahhah il-fehma illi l-qbid sar u li dan effettivament sar fit-22 ta' Lulju 1992;

Kif fuq manifest ir-rikorrenti ma segwiex lanqas hawn il-kliem tal-ligi u naqas li jipprocedi konformement ghal dak mahsub fl-Artikolu 72 (2) citat. Ghal certi aspetti taghmel qari interessanti d-decizjoni fl-ismijiet "**Henry Vassallo –vs- Frank Agius *nomine***", Prim' Awla, Qorti Civili, 16 ta' Novembru 1950;

Il-Qorti ma tistax tikkondividi r-ragonament tar-rikorrenti illi l-konfiska tal-vettura tieghu saret b'abbuz, b'mod ingust jew illegali. Pjuttost il-Qorti tara li kien l-istess rikorrenti li kien negligenti jew abbuza mill-fatt illi:-

(i) ghamel jew ippermetta li jsir uzu tal-vettura koncessa lilu taht Temporary Importation Permit meta l-istess vettura kienet issigillata;

(ii) ma hax hsieb jinforma lid-Dwanier bil-bdil ta' l-indirizz tieghu u li hu kien qed izomm il-vettura band' ohra u f' lok differenti minn dak originarjament prefiss;

(iii) ma hax hsieb jitlob estensjoni taz-zmien ghaz-zamma f' Malta ta' l-istess vettura;

(iv) ma hax hsieb b' mod ghaqli li jassikura li jottjieni d-dokumentazzjoni kollha mehtiega biex b' hekk jissodisfa r-rikjesta tieghu tal-hlas tad-dazju;

(v) ma hax hsieb illi qabel gheluq iz-zmien koncess (Ara l-*undertaking* sottoskritta minnu fuq l-appozita formula a fol. 4) johrog minn Malta l-istess vettura jew jipprovdi garanzija xierqa. Ara a propositu sentenza fl-ismijiet "**Joseph Schembri –vs- Kontrollur tad-Dwana**", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru 2001;

Quddiem dawn il-konsiderazzjonijiet kollha suesposti, in partikolari n-nuqqas ta' l-avviz stabbilit fl-Artikolu 72 (2) tal-Kapitolu 37, il-procediment konsegwit mir-rikorrenti ma jistax jinghad li sar konformement mal-ligi. Li jfisser li l-istanza ntentata ghandha titqies nulla u irritwalment proposta.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni ta' l-intimat Kontrollur tad-Dwana tichad it-talba

tar-rikorrenti u b’ hekk tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

L-ispejjez tal-kawza ghandu jbatihom ir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------